MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 334/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Saviour Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Saviour Abela talli fit-28 ta' Awissu 2006 ghall-habta ta' 15.30 hrs. waqt li kien xoghol fi Triq in-Nissieg, Naxxar, rama crane bin-numru tar-registrazzjoni BAV 656 fit-triq minghajr permess mahrug mill-Kunsill Lokali Naxxar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Ottubru 2006 li permezz taghha l-imsemmi Saviour Abela, fuq ammissjoni tieghu,

instab hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u gie kkundannat ghall-hlas ta' *ammenda* ta' hames liri (Lm5);

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-31 ta' Ottubru 2006 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija izda tirrevoka l-piena u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' Dott. Aaron Bugeja ghall-appellant Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti mponiet *ammenda* ta' hames liri (Lm5) meta skond ir-regolament 13(3) ta' l-Avviz Legali 119/2002 il-piena minima hija ta' ghoxrin lira (Lm20).

Ir-regolament 13(3) ta' l-Avviz Legali 119/2002 fil-fatt jipprovdi hekk:

**"Kull persuna li tiddeposita jew tuza xi krejn jew makkinarju goff iehor meta jkunu qeghdin isiru l-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi bini jew progett iehor simili f'xi triq minghajr il-permess tal-Kunsill Lokali tehel, meta tinsab hatja ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20) ghal dik il-kontravvenzjoni."**

Minn dan ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta' htija izda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Saviour Abela ghall-hlas ta' *ammenda* ta' hames liri (Lm5) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' ghoxrin lira (Lm20).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------